MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 117/2023 LM

**Hao Nguyen Van**
**(Detentur tal-Passaport Vjetamiż bin-Numru (C5973115)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identità Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Hao Nguyen Van (Detentur tal-Passaport Vjetamiż bin-Numru (C5973115)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tal-20 ta' Novembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fil-konfront tal-**Aġenzija Identità Malta** [minn issa 'l quddiem

'l-Aġenzija appellata'], fejn ċaħad l-appell tiegħu wara li kkunsidra l-provvedimenti tal-Kap. 217 u tal-L.S. 217.17.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Fil-21 ta' Awwissu, 2019 l-appellant ippreżenta applikazzjoni lill-Aġenzija appellata għall-ħruġ ta' permess uniku taħt il-L.S. 217.17, iżda l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata għaliex huwa ma kienx ippreżenta wkoll id-dokumenti rikjesti fit-terminu mogħti lilu.

## Mertu

3. Il-prinċipal prospettiv tal-appellant, is-soċjetà Eastern Consultancy Services Ltd, appella minn din id-deċiżjoni f'isem l-imsemmi appellant quddiem il-Bord fis-6 ta' Frar, 2020.

4. L-Aġenzija appellata għażlet li ma tweġibx.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst*

*the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that neither the appellant nor the prospective employer submitted any formal appeal or any documentation whatsoever.*

*As a result of this, there is no reason to overturn Identity Malta's decision."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2023, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u anki dik tal-Aġenżija appellata tal-20 ta' Novembru, 2020, u b'hekk huwa jkun jista' jippreżenta mill-ġdid applikazzjoni għall-permess ta' residenza hawn Malta. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) il-Bord m'osservax il-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem;* (b) il-Bord naqas milli jinterpreta korrettement il-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità u l-element uman; u (ċ) kien hemm dewmien mhux raġonevoli fit-teħid tad-deċiżjoni tal-Bord.

7. L-Aġenżija appellata wieġbet fit-28 ta' Diċembru, 2023, fejn issollevat preliminarjament l-irritwalità tal-appell odjern, stante it-tardività fil-preżentata tiegħu, u anki l-inammissibilità tiegħu għaliex ma sarx fuq punt ta' dritt kif mitlub mis-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Għal dak li jirrigwarda l-mertu, hija ssostni li l-aggravji tal-appellant għandhom jiġu miċħuda għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra l-ewwel kwistjoni li qiegħda tiġi ssollevata mill-Aġenzija appellata dwar l-irritwalità tal-appell odjern minħabba li dan ġie ppreżentat tardivament. L-Aġenzija appellata tirrileva li d-deċiżjoni appellata kienet ingħatat 'il fuq minn tliet snin ilu, iżda l-appellant kien qiegħed jikkontendi li fil-formola tal-appell ippreżentata mill-prinċipal prospettiv tiegħu, ma kienux tniżżlu d-dettalji tiegħu, u għalhekk huwa ma kienx ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata fil-ħin sabiex iressaq appell minnha. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, u tissottometti li iktar minn hekk, jekk l-appellant qiegħed jikkontendi li l-appell sar mill-prinċipal prospettiv tiegħu tali appell kien null. Jekk imbagħad l-appellant awtorizza lill-prinċipal prospettiv tiegħu jirrappreżentah, kien jispetta lill-appellant li jsegwi l-appell tiegħu minflok li jħalli tliet snin jgħaddu. L-Aġenzija appellata tissottometti li jekk l-aġir tal-appellant kellu jiġi aċċettat minn din il-Qorti, dan kien ifisser li wieħed jista' ma jagħtix każ id-data li fiha għandha tingħabar is-sentenza, u b'hekk it-terminu għall-appell jibqa' sospiż sakemm dik il-parti jogħġobha tiġbor l-imsemmija deċiżjoni. Iżda tgħid li ċ-ċertezza legali kienet titlob li dan ma jiġix aċċettat, u in sostenn tal-argument tagħha hija tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Aleksander Jovanovic *vs.* Identity Malta Agency**, App. Inf. 93/2022LM, deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2022.

9. Il-Qorti tikkunsidra li jirriżulta li fil-formola tal-appell, l-indirizz tal-appellant tniżżel bħala 'c/o 28, Triq Toni Żahra, Żejtun, ŻTN 1500', iżda meta sar tentattiv mill-uffiċjal tal-Posta għan-notifika tal-appellant bid-deċiżjoni

appellata ftit jiem wara li din kienet ingħatat, din ma kellha l-ebda suċċess. Għal xi raġuni li ma tirriżultax mill-atti, sar tentattiv ieħor għan-notifika tal-appellant, liema tentattiv sar f'indirizz ieħor li ma kienx ġie ndikat fil-formola tal-appell, u li wassal għan-notifika tiegħu fl-14 ta' Novembru, 2023. B'hekk l-appellant irċieva kopja tad-deċiżjoni appellata, li minnha mbagħad intavola appell quddiem din il-Qorti.

10. Tikkunsidra li kif tirrileva l-Aġenzija appellata it-Taqsima III tal-Kap. 217, il-fatti tal-każ deċiż minn din il-Qorti fl-ismijiet **Aleksander Jovanovic *vs.* Identity Malta Agency** mhumiex l-istess. F'dawk il-proċeduri l-Aġenzija appellata kienet infurmata minn qabel bid-data meta kienet ser tingħata d-deċiżjoni tal-Bord, iżda l-Qorti tgħid li mhux l-istess ġara fil-każ odjern skont kif juru l-atti li għandha quddiemha. Saħanistra ma kien hemm l-ebda udjenza quddiem il-Bord fejn l-appellant seta' ġie nfurmat bid-data meta kienet ser tingħata d-deċiżjoni tiegħu, jew fejn din ġiet ikkomunikata lilu bil-miktub.

11. Jirriżulta wkoll lill-Qorti li għalkemm l-appellant qiegħed jinsisti li huwa kien ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata fit-22 ta' Novembru, 2023, jirriżulta mill-*pink card* relattiva li tinsab fl-atti tal-Bord li huwa rċeviha fl-14 ta' Novembru, 2023. Meħud in konsiderazzjoni t-terminu ta' għaxart ijiem konċess mis-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u d-data tat-30 ta' Novembru, 2023 li fiha ġie ppreżentat l-appell odjern, il-Qorti tgħid li l-imsemmi appell huwa għalhekk tassew *fuori termine,* iżda mhux għar-raġuni li qiegħda tinsisti fuqha l-Aġenzija appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern stante li jirriżulta tardiv, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**